IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

# KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 'DOREEN MICALLEF' 2019 - Regolamenti

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) qiegħed iniedi l-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Doreen Micallef' għas-sena 2019.

1. Il-konkorrenti huma mitluba jibagħtu sa poeżija waħda bil-Malti, liema poeżija m'għandhiex tkun itwal minn sitta u tletin vers.

2. Il-poeżija għandha tkun stampata fuq karta ta' daqs A4, u għandhom jintbagħtu tliet kopji tal-poeżija. Il-poeżija għandha tkun iffirmata biss bi psewdonomu (nom de plume).

3. F'envelop wieħed għandhom jintbagħtu t-tliet kopji tal-poeżija għall-kompetizzjoni flimkien mal-formola tal-applikazzjoni mimlija bid-dettalji kollha (l-isem tal-poeżija, il-psewdonomu, l-isem u l-kunjom, l-indirizz, in-numru tat-telefown/mowbajl u l-indirizz elettroniku).

4. Is-sottomissjonijiet għal dan il-konkors għandhom jintbagħtu lil Joe Debattista, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Librerija Ċentrali Pubblika, Triq Prof. Joseph J. Mangion, Il-Furjana FRN 1800, sa mhux aktar tard mit-23 ta' Awwissu, 2019.

5. Il-ġurija se tkun komposta minn tliet membri magħżula mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6. Jiġu ppremjati l-poeżiji kklassifikati fl-ewwel tliet postijiet. L-ewwel poeżija tingħata premju ta' €1,000. It-tieni u t-tielet poeżija jingħataw vawċer li jissarraf f'kotba mingħand ħwienet lokali. Il-premijiet jistgħu ma jingħatawx jekk il-ġurija tqis li ma jkunx intlaħaq il-livell mistenni.

7. Membri fil-kumitat tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma jistgħux jieħdu sehem.

8. Ix-xogħol sottomess irid ikun oriġinali u li qatt ma ġie ppubblikat f'kotba, rivisti jew ġurnali.

9. Kull min jonqos f'xi waħda minn dawn ir-regolamenti jiġi skwalifikat immedjatament.

10. Wara li tagħlaq id-data għad-dħul tas-sottomissjonijiet, tkunu tistgħu tiċċekkjaw l-isem tal-poeżija tagħkom fil-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

N.B.

a) Il-premjijiet huma ġentilment mogħtija mill-fondi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

b) Ir-riżultat tal-kompetizzjoni jitħabbar waqt attività speċifika matul il-jiem tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li l-KNK jorganizza f'Novembru 2019.